MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 1001/2001/1

**Citadel Insurance P.L.C. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Zahra sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Anthony Zahra**

**Vs**

**Joseph Tonna u Raymond Mintoff**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici nomine et talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati li jhallsu, lill-istess socjeta’ attrici nomine et is-somma ta’ tliet elef, hames mija u wiehed u hamsin lira u hamsin centezmi (Lm3551.50) rapprezentanti Lm50 excess imhallas mill-attur Anthony Zahra skond il-polza u r-rimanenti Lm3501.50 jirraprezentaw il-bilanc ta’ danni li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta’ attrici, liema danni gew kawzati fil-vettura JAL 274 misjuqa minn Timothy Ripard u proprjeta’ ta’ Anthony Zahra, assigurata mis-socjeta’

attrici, liema vettura kienet involuta fl-incident awtomobilistiku tad-9 ta’ April 2000 f’National Road, Floriana, mal-vettura numru EAQ 357 misjuqa mill-konvenut Joseph Tonna u kif ukoll mal-vettura numru GAI 236 misjuqa mill-konvenut l-iehor Raymond Miftoff, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament taghhom il-konvenuti jew minn minnhom minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffku da parti taghhom. Bl-imghax u l-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Ottubru 2001 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-avviz kontra s-socjetajiet assikuratrici rispettivi taghhom kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Tonna (fol 9 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti fil-konfront tieghu bl-ispejjes, u dana billi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma’ garax tort u htija tieghu, izda gara unikament tort tal-konvenut Raymond Mintoff, is-sewwieq tal-vettura Nru. GAI 236, li waqt li kien qed isuq gewwa il-Floriana sejjer fid-direzzjoni tal-Belt, Valletta, qabez ic-central strip, mar fuq in-naha hazina tat-triq u baqa diehel *headon* fil-vettura Nru. JAL 274 propjeta ta’ Anthony Zahra (l-assikurat tal-attur) li dak il-hin kienet sejra fid-direzzjoni opposta, u cioe fid-direzzjoni tal-Bombi.
2. Illi b’konsegwenza tal-habta li grat bejn il-konvenut Mintoff u l-vettura Nru. JAL 274, l-konvenut Joseph Tonna li dak il-hin kien qed isuq regolarment il-vettura Nru EAQ 357 wara dik ta’ Anthony Zahra, wkoll sejjer fid-direzzjoni tal-Bombi, gie infaccat b’habta, u ghalkemm ipprova jevita dan l-ewwel incident, ma’ setghax u baqa diehel fuq il-parti ta’ wara tal-vettura numru JAL 274.
3. Illi l-kawza prossima ghal dan l-incident kien is-sewqan negligenti u imprudenti tal-konvenut Raymond Mintoff, li kif intqal qabez ic-central strip u spicca fuq in-naha hazina tat-triq, bir-risultat li kkanguna incident tat-traffiku, li ghalih ghandu jinzamm unikament responsabbli. Ghal kull bon fini jigi rilevat illi l-assikurazzjoni tal-

esponenti gia fethet kawza kontra l-imsemmi Raymond Mintoff (Avv. Nru 1609/00 JAB) ghad-danni li hija sofriet f'dan l-incident.
4. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Mintoff (fol 10 ibid) u li biha eccepixxa reverentement:

1. Illi l-eccipjent ma kienx responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza.
2. Illi d-danni pretizi mis-socjeta' attrici huma ezagerati billi skond il-kalkoli u l-istimi maghmula mis-socjeta' assikuratrici tal-eccipjent d-danni attwalment sofferti mill-atturi jammontaw ghas-somma ta' Lm2850 cioe', il-valur tal-vettura tal-attur Zahra qabel l-incident (Lm3200) wara tnaqqis tal-valur ta' 'wreck" (Lm350).
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-2 ta' April 2003 (fol 15 ibid) u li bih l-istess Qorti laqghet talba tal-istess konvenut Joseph Tonna u tas-socjeta' attrici nomine et sabiex din il-kawza u kawza ohra (<u>avviz numru 1609/2000</u>) jinstemghu kontestwalment in vista li dawn jittrattaw l-istess kollisjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif hawn fuq premess, din il-kawza kienet qed tinstema' kontestwalment ma ohra fl-ismijiet "GasanMamo Insurance Agency Ltd nomine et vs Raymond Mintoff" (Avviz numru 1609/00JAB), liema kaz gie deciz illum stess.

Illi z-zewg kazijiet jittrattaw l-istess kollisjoni in esami u fihom, gew prodotti l-istess provi dwar il-kwistjoni tar-responsabilita' ghal dan l-incident awtomobilistiku.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fil-kaz l-iehor, gie deciz minn din il-Qorti illi dan l-incident kien gie kagunat, unikament, minhabba sewqan negligenti da parti tal-konvenut odjern, Raymond Mintoff, ghar-ragunijet spjegati fl-istess sentenza.

Illi waqt li, ghalhekk, qed issir referenza ghall-istess sentenza u ghar-'ratio decidenti' kif hemm premess, liema ragunijiet ghandhom jifformaw parti integrali minn din is-sentenza din il-Qorti ser tiddikjara f'dan il-kaz lill-istess konvenut Raymond Mintoff bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident waqt li tilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut l-iehor, Joseph Tonna.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-'quantum' ta' danni kagunati fil-karozza misjuqa minn Timothy Ripard izda proprjeta tal-attur Anthony Zahra, ghandu jinghad illi a fol 36 jinsab is-'survey report' maghmul minn Philip Zammit (ara fol 36 ta' dawn l-atti) u iehor ulterjuri maghmul mill-istess 'surveryor' a fol 118 ibid (ara ukoll ix-xhieda tal-istess 'surveyor' a fol 17 dejjem ta' dawn l-atti ). Din il-vettura bin-numru JAL 274 tal-marka Ford Escort" giet konsiderata bhala "beyond economical repair" u aventi valur qabel l-incident in esami ta' Lm3520 u valur bhala 'wreck' ta' Lm250.

Illi, kif jidher a fol 43 ibid, l-assikurat /attur Anthony Zahra gie risarcit mis-socjeta' attrici nomine bis-somma ta' Lm3520, liema pagament sar b'surroga, kif jinghad fl-istess dokument.

Illi, waqt li ssir referenza ghat-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut Raymond Mintoff, avolja ma hemmx qbil fil-valur, il-Qorti tara li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici nomine ghandu jitnaqqas is-somma ta' Lm250, il-valur tal-istess vettura bhala "wreck". Ghalhekk l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici nomine ghandu hekk jitnaqqas u jigi likwidat fl-ammont ta' Lm3251.50 ossija €7573.96.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:-

a) tiddikjara lill-konvenut Raymond Mintoff bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizija u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Raymond Mintoff.
b) Tillikwida l-ammont globali ta’ danni fis-somma ta’ Lm3301.50 ossija €7690.43 u
c) Tikkundanna lill-konvenut Raymond Mintoff sabiex jhallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ Lm3251.50 ossija €7573.96 u lill-attur Anthony Zahra s-somma ta’ Lm50 ossija €116.47 bl-imghax legali mill-15 ta’ Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes il-Qorti tara li dawk tal-konvenut Joseph ma’ jistghux jigu akkollati lill-konvenut, Raymond Mintoff minhabba li dan gie mharrek mis-socjeta’ attrici nomine u gie dikjarat bl-ebda mod responsabbli ghall-istess incident. Inoltre vis-a-avis dawk bejn is-socjeta’ attrici nomine u l-konvenut Raymond Mintoff dawk ghandhom jithallsu skond ir-rispettiv rebh u telf.

Ghaldaqstant il-Qorti tordna:-

1) li l-ispejjes tal-konvenut Joseph Tonna jithallsu kollha kemm huma mis-socjeta’ attrici nomine.
2) li l-ispejjes vis-à-vis is-socjeta attrici nomine u l-konvenut, Raymond Mintoff jithallsu kwantu ghal wiehed minn tnax 1/12 mis-socjeta’ attrici nomine u hdax minn tnax 11/12 mill-konvenut Raymond Mintoff.
3) L-ispejjes ta’ Anthony Attard jithallsu kollha kemm huma minn Raymond Mintoff.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------